QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:-155/01DM

Giuseppe sive Guzeppi Polidano

Vs

Francis Galea

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilta jhallas dik is-somma li tigi minn din il-Qorti likwidata, rapprezentanti danni sofferti mill-konvenut rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fi Vjal Indipendenza, Zurrieq, fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000), fejn waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru DBY 364 investa lill-attur li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru KAE 832, u liema incident sehh unikament minhabba tort, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ghall- finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix id-disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Frar 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-incident kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-eccipjent ghall-incident de quo ghandha tkun michuda stante li dan l-istess incident ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara tort tal-attur innifsu;

2 It-tieni talba tal-attur ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni ghandha tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati u x'jithallsu lill-attur;

3 Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-attur ghall – hlas tal-imghax kif dedotta fl-avviz hija legalment insostenibbli stante li l-quantum tad-danni pretiz mill-attur ghadu mhux likwidat u ghaldaqstant jekk imghax ikun dovut dan ghandu jiddekorri skond il-ligi mid-data tas-sentenza;

4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenut debitament assistit qed jiddikajra li mhux qed jikkontesta il-quantum tad-danni fis-somma ta' L932.56c in vista tal-kontijiet u rcevuti esibiti, izda qed jikkontesta r-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut mhux qieghed jikkontesta l-kwantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta  tal-incident in kwistjoni u jssostni illi l-kawza kienet dovuta ghal manuvra azzardata tal-istess attur.

Infatti  l-kontendenti jaqblu illi kull wiehed minnhom kien hiereg minn go triq illi tisbokka ghal fuq  il-pjazza fejn hemm roundabout bl-attur hiereg minn triq laterali iktar lejn ix-xellug tal-konvenut.  Ghalkemm minn kif spiccaw il-vetturi u murjin fuq l-isketch jidher illi r-responsabblita hija esklussiva ghal konvenut, il-konvenut issostni illi l-vetturi spiccaw f'dik il-pozizzjoni ghaliex bl-impatt hu kien mexxa lill-attur fuq in-naha l-ohra tar-roundabout.

L-istess konvenut  issostni illi l-attur kien qieghed idur min-naha hazina tar-'roundabout' u gie spostat ghal pozzizzjoni korretta  bil-kollizzjoni stess.

Ghalhekk billi l-verzjoni tal-attur hija dik illi logikament wiehed jista' jiddeduci minn kif il-vetturi huma murija fl-isketch, jispetta lill-konvenut biex  jipprova il-verzjoni xi ftit  stramba illi huwa qieghed jallega.

Ghalkemm il-konvenut jallega illi kien ta' din il-verzjoni lill-ufficjal li kien investiga l-kaz, mid-deposizzjoni tal-istess ufficjal ma tirrizulta ebda verzjoni simili li inghatat mill-konvenut anzi, il-verzjoni illi huwa ta' dak inhar kienet iktar indikattiva   illi minflokk li jdur mar-roundabout kien sejjer jibqa' ghaddej ghad-dritt u hariglu l-attur f'daqqa.

Lanqas ma jirrizulta fl-istess sketch illi kien hemm xi indikazzjoni ohra ta' 'spot of impact' ulterjuri oltre dak illi jidher fl-isketch.  Inoltre il-fatt illi l-bus tal-konvenut ma baqghatx f'kuntatt mal-vettura tal-attur imma jidher mill-isketch illi wara l-kollizzjoni spiccaw separati minn xulxin, dan huwa indikattiv illi l-habta grat ezatt fejn huma ndikati l-vetturi jidher fl-isketch u ma jirrizultawx indizji ta' xi tkaxkira min-naha l-ohra tar-'roundabout'.  Tkaxkira kif jallega l-konvenut  li kienet tispicca bil-vetturi ghadhom f'kuntatt ma xulxin stante illi l-vettura tal-attur tkun  kaxkret ghal distanza kontra d-direzzjoi tar-roti.

Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut m'hiex sorretta mic-cirkostanzi u l-indizji li pprovdi l-kaz, anzi jirrizulta li l-istess konvenut f'mument meta kienet nizla x-xita, li oltre l-ostaklu ghal vizwali twassal ghaz-zlieq fit-triq, ma waqafx fil-'give way sign' li kellu quddiemu sabiex jesplora l-fetha li kien diehel fiha u jirrizulta illi baqa' hiereg ghal distanza sostanzjali u ma kienx f'posizzjoni illi jiehu azzjoni evasiva meta induna bil-prezenza tal-attur.

Ghal dawn il-motivi ssib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwisjtoni u ghalhekk ghandhu jghamel tajjeb ghad-danni kollha illi sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-iskontru.

Id-danni inkontestati li sofra l-attur huma ta' Lm932.56 (disa' mija u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmi) kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas16 ta' Jannar tas-sena 2002.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u fil-waqt li tiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni qieghdha tikkundannah sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm932.56 (disa' mija u tnejn u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmi).

Ghal dak li jirrigwarda t-talba attrici ghall-imghaxijiet b'effett mid-data tal-incident tirrizulta kontestazzjoni da parti tal-konvenut billi jssostni illi l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru biss minn dik id-data meta l-ammont tad-danni jigi stabbilit u likwidat.

Evidentement l-imghaxijiet ma jistghux jibdew jiddekorru fuq danni illi ma jkunux ghadhom gew imhallsa mill-attur u ghalhekk definitivament ma jistghux jibdew jiddekorru minn dik id-data tal-incident izda biss minn dik id-data illi effettivament l-attur ikun soffrihom. Fil-kaz in ezami billi d-danni sofferti huma dawk konsistenti fi flus illi l-attur kellhu jonfoq biex ghamel ir-riparrazzjonijiet l-imghaxijiet jistghu biss jibdew jiddekorru minn dik id-data illi l-attur effettivament sborza l-ammont biex ghamel ir-reparazzjonijiet.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-konvenuti illi l-imghaxijiet jistghu jiddekorru biss minn dik id-data illi d-danni jigu effettivament likwidati, ma tirrizulta ebda stipulazzjoni specifika fil-ligi, u ghalhekk ma hemm xejn x'impedixxi lil din il-Qorti, meta l-parti sokkombenti ma tkun ghamlet ebda offerta ta' hlas ta' xi ammont izda tkun irreziztit li thallas kwanlunkwe ammont ta' danni likwidat jew le, li tistabbilixxi illi l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dik id-data li effettivament minn sofra d-danni jkun zborza l-ammont involut fir-reparazzjonijiet.

Ghaldaqstant billi f'dan il-kaz jidher illi l-ammont ta' danni gie sborzat ferm qabel il-likwidazzjoni taghhom, izda billi l-ewwel interpellazzjoni ufficjali saret bil-prezentata ta' dan l-avviz, il-Qorti qeghdha tordna li l-konvenut ihallas l-imghaxijiet fuq id-danni likwidati b'effett mit-23 ta' Frar tas-sena 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg Civ41